MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 659/2001/1

Avviz Nru 659/01 DM

Raymond u Rita konjugi Brincau

vs

Ciarlo Gauci u Diana Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema tal-atturi talbu l- kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond mezzanin fil-first floor level, numru tnejn u erbghin (42) bl-isem “Joseph” Triq Indri Cilia Hamrun, u dan stante li qed jokkupaw dan il-fond minghjr ebda titolu validu fil-ligi.

Il-valur lokatizzju tal-fond fuq imsemmi huwa ta’ mhux aktar minn Lm50 fis-sena.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni u b'riserva ghad-danni ta' l-okkupazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 Preliminarjament il-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-istess atturi min-naha wahda u l-eccipjenti u l-fond de quo min-naha l-ohra;
2 L-unika relazzjoni ezistenti li l-eccipjenti ghandhu mal-fond de quo hija dik mas-sid tal-istess, u cioe' Marion mart Paul Xuereb, minghand min in effetti akkwistaw d-dritt li jokkupaw il-fond permezz ta' skrittura datata 21 ta' Novembru 2000 u li ghal kull buon fini l-istess Marion Xuereb ghandha tigi kjamata fil-kawza;
3 Ghaldaqstant, il-konvenuti ghandhom titolu validu skond il-ligi u t-talbiet attrici huma ghalhekk infondati;
4 In ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kawza odjerna hija frivola u vessatorja u hija biss tentattiv min-naha ta' l-atturi li jikkawzaw danni lill-eccipjenti u dan stante illi r-rabta jew konnessjoni li l-atturi kellhom mal-fond de quo ntemmet u ghaldaqstant m'ghadhiex ezistenti b'dan illi m'huwiex legittimu li l-atturi jkollhom interess fl-istess fond, u dan kif jista' jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza;
5 Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici;
6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhied prodotti u rat l-affidavit ta' Raymond Brincau;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Min-natura tal-eccezzjonijiet kollha opposti mill-konvenuti jidher li m,huwiex ikkontestat illi l-attur, Raymond Brincau, kien akkwista in sub enfitewsi temporanja il-fond in kwistjoni ghal zmien (36) sitta u tletin sena b'effett mis-7 ta' Gunju tas-sena 1979 liema enfitewsi ghalhekk talaq fis-sena 2015.

Infatti fil-kuntratt li l-konvenuti ghamlu ma' Marion mart Paul Xuereb, tal-21 ta' Novembru tas-sena 2000, permezz ta' liema huma akkwistaw in sub-enfitewsi temporanea l-istess fond in kwistjoni izda b'effett biss minn meta teskadi s-sub-enfitewsi korrenti favur Raymond Brincau, kienu ddikjaraw fl-ewwel lok illi huma lkoll konxji bl-enfitewsi korrenti favur l-atturi.

Ghalkemm fir-raba (4) eccezzjoni taghhom il-konvenuti ssostnu illi *"ir-rabta jew konnessjoni li l-atturi kellhom mal-fond de quo ntemmet*" ma jirrizulta minn imkien illi l-kuntratt ta' enfitewsi li permezz tieghu l-atturi akkwistaw il-fond in kwisjtoni ghal sitta u tletin (36) sena sas-sena 2015 gie b'xi mod itterminat.

Min-naha l-ohra, l-konvenuti, li akkwistaw il-pussess tal-fond minghand wahda mis-sub direttarji, Marion mart Paul Xuereb, jibbazaw il-pussess attwali taghhom fuq il-fatt illi huma akkwistaw is-sub-utile dominju tal-fond b'effett mis-sena 2015.

Evidentement il-pussess li ghandhom illum huwa wiehed prekarju naxxenti minn pussess iehor prekarju allegat mill-istess Marion mart Paul Xuereb, u dan il-pussess gie definittivament itterminat bl-ittri notifikati lilhom mill-istess atturi u t-titolu validu li allegaw ghadu ma giex f'isehh billi s-sub-utile dominju li huma akkwistaw tal-fond ma jibdix jopera qabel is-sena 2015.

Ghal dawn ir-ragunijiet ssib illi l-konvenuti m'ghandhom ebda titolu validu fuq xiex jibbazaw il-pussess attwali taghhom u ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna

lill-konvenuti sabiex  jizgumbraw mill-fond mezzanin fil-first floor level, numru (42)  tnejn u erbghin)  bl-isem "Joseph", f'Triq Indri Cilia, Hamrun u ghal fini ta' dan l-izgumbrament qedgha tipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------